Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 75/19**
il-Lussemburgu, it-18 ta’ Ġunju 2019

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-591/17
L-Awstrija vs Il-Ġermanja

# Il-vinjetti Ġermaniżi għall-użu tat-toroq federali mill-vetturi privati bil-mutur jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni

*Din it-tariffa hija diskriminatroja peress li l-piż ekonomiku jaqa’, fil-prattika, biss fuq is-sidien u s-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur irreġistrati fl-Istati Membri l-oħra*

Sa mill-2015, il-Ġermanja stabbilixxiet il-kuntest legali sabiex iddaħħal tariffa għall-użu, mill-vetturi bil-mutur privati, tat-toroq federali, inklużi l-awtostradi: it-“tariffa għall-użu tal-infrastrutturi”.

B’din it-tariffa, il-Ġermanja bi ħsiebha tgħaddi parzjalment minn sistema ta’ finanzjament permezz ta’ taxxa għal sistema ta’ finanzjament ibbażata fuq il-prinċipji ta’ “min juża jħallas” u “min iniġġes iħallas”. Id-dħul ta’ din it-tariffa jigi allokat kollu kemm hu lill-finanzjament tal-infrastrutturi tat-toroq u l-ammont tagħha jiġi kkalkolat skont iċ-ċilindrata, il-mezz ta’ propulsjoni, u l-klassifikazzjoni ta’ emissjoni tal-vettura.

Kull sid ta’ vettura bil-mutur irreġistrata fil-Ġermanja għandu jħallas it-tariffa, fil-forma ta’ vinjetta annwali, ta’ ammont massimu ta’ € 130. F’dak li jirrigwarda l-vetturi bil-mutur irreġistrati barra mill-pajjiż, it-tariffa titħallas biss (mis-sid jew mis-sewwieq) fil-każ li jintużaw l-awtostradi. F’dan ir-rigward, ikunu disponibbli vinjetti ta’ għaxart ijiem (bejn € 2.50 u € 25), ta’ xahrejn (bejn € 7 u € 50) jew ta’ sena (massimu ta’ € 130).

Fl-istess ħin, il-Ġermanja pprevediet li, fl-istess mument tal-ġbir tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi, is-sidien tal-vetturi bil-mutur rreġistrati fil-Ġermanja jibbenefikaw minn eżenzjoni mil-liċenzja tal-karozza għal ammont ekwivalenti għat-tariffa li jkollhom iħallsu.

L-Awstrija tqis li l-effett flimkien tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi u tal-eżenzjoni mil-liċenzja tal-karozza għall-vetturi bil-mutur rreġistrati fil-Ġermanja, kif ukoll il-modalitajiet ta’ ġestjoni u ta’ applikazzjoni tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi, imorru kontra d-dritt tal-Unjoni, b’mod partikolari l-projbizzjoni ta’ diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità.

Wara li ressqet il-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni, li ma ppronunzjatx ruħha fil-ħin mogħti, l-Awstrija ressqt rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.[1] F’din il-proċedura, l-Awstrija qed tiġi sostnuta mill-Pajjiżi l-Baxxi, filwaqt li l-Ġermanja qed tiġi sostnuta mid-Danimarka.

Bis-sentenza tagħha ta’ llum, l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **t-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi, flimkien mal-eżenzjoni mil-liċenzja tal-karozza li minnha jibbenefikaw is-sidien tal-vetturi bil-mutur rreġistrati fil-Ġermanja, tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta minħabba n-nazzjonalità u ksur tal-prinċipji ta’ moviment liberu tal-merkanzija u ta’ provvista tas-servizzi.**

**F’dak li jirrigwarda l-projbizzjoni ta’ diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-eżenzjoni mil-liċenzja tal-karozza favur is-sidien tal-vetturi bil-mutur rreġistrati fil-Ġermanja għandha bħala effett li tikkumpensa kompletament is-somma**

[1] Huwa rari ħafna li Stat Membru jressaq rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu kontra Stat Membru ieħor. Dan ir-rikors huwa s-seba’ minn tmienja b’kollox fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja (għall-ewwel sitta, ara l-istqarrija għall-istampa n° 131/12 ; it-tmien wieħed għadu pendenti: Is-Slovenja vs Il-Kroazja, C-457/18).

**mħallsa minn dawn tal-aħħar, b'mod li l-piż ekonomiku tal-imsemmija tariffa taqa', fil-prattika, biss fuq is-sidien u s-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stati Membri oħra.**

Huwa minnu li huwa possibbli għall-Istati Membri li jibdlu s-sistema ta' finanzjament tal-infrastrutturi tat-triq tagħhom billi jissostitwixxu sistema ta' finanzjament permezz tat-taxxa b'sistema ta' finanzjament mill-utenti kollha, inklużi s-sidien u s-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur rreġistrati fi Stati Membri oħra li jużaw dawn l-infrastrutturi, sabiex dawn l-utenti kollha jikkontribwixxu b'mod ekwu u proporzjonat għal dan il-finanzjament. Madankollu, din il-bidla għandha tosserva d-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, li ma huwiex il-każ hawnhekk.

F'dan il-każ, il-Ġermanja ma hijiex fir-raġun meta ssostni li l-eżenzjoni mil-liċenzja tal-karozza favur is-sidien tal-vetturi bil-mutur rreġistrati f'dan l-Istat Membru tirrifletti t-tranżizzjoni lejn sistema ta' finanzjament tal-infrastrutturi tat-toroq mill-utenti kollha, b'applikazzjoni tal-prinċipji ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas".

Fil-fatt, peress  li ma pprovdiet ebda informazzjoni dwar il-portata tal-kontribut tat-taxxa għall-finanzjament tal-infrastrutturi federali, il-Ġermanja bl-ebda mod ma wriet li l-kumpens mogħti lis-sidien tal-vetturi bil-mutur irreġistrati fil-Ġermanja, fil-forma ta' eżenzjoni mil-liċenzja tal-karozza, sal-ammont almenu ekwivalenti għat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi li huma kien ikollhom iħallsu, ma jaqbiżx l-imsemmija kontribuzzjoni, u b'dan il-mod għandu natura adegwata.

Barra minn hekk, fir-rigward tas-sidien tal-vetturi bil-mutur rreġistrati fil-Ġermanja, it-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi titħallas fis-sena u mingħajr ma hemm għażla għal vinjetta ta' tul iqsar kieku tirrifletti aħjar il-frekwenza tal-użu tal-imsemmija toroq. Dawn l-elementi, flimkien mal-eżenzjoni mil-liċenzja tal-karozza għall-ammont almenu ekwivalenti għal dak imħallas għal din it-tariffa, juru li t-tranżizzjoni lejn sistema ta' finanzjament ibbażata fuq il-prinċipji ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas" tolqot esklużivament lis-sidien u lis-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stati Membri oħra, filwaqt li l-prinċipju ta' finanzjament tat-taxxa jibqa' applikabbli għas-sidien ta' vetturi rreġistrati fil-Ġermanja.

Barra minn hekk, il-Ġermanja ma wrietx kif id-diskriminazzjoni kkonstatata tista' tiġi ġġustifikata b'kunsiderazzjonijiet ambjentali jew oħra.

**F'dak li jirrigwarda l-moviment liberu tal-merkanzija**, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-miżuri kontenzjużi jistgħu jostakolaw l-aċċess għas-suq Ġermaniż tal-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Fil-fatt, it-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi li għalija huma, fil-prattika, suġġetti unikament il-vetturi bil-mutur li jittrasportaw dawn il-prodotti, tista' żżid l-ispejjeż tat-trasport u, konsegwentement, il-prezz ta' dawn il-prodotti, li jaffettwa wkoll il-kompetittività tagħhom.

**F'dak li jirrigwarda l-liberta' ta' provvista ta' servizzi,** il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-miżuri kontenzjużi jistgħu jostakolaw l-aċċess tal-fornituri u tad-destinatarji ta' servizzi li joriġinaw minn Stat Membru ieħor fis-suq Ġermaniż. Fil-fatt, it-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi tista', minħabba l-eżenzjoni mil-liċenzja tal-karozza, jew iżżid l-ispejjeż tas-servizz ipprovduti fil-Ġermanja minn dawn il-fornituri jew iżżid l-ispejjeż li jirriżultaw għal dawn id-destinatarji minħabba li jmorru f'dan l-Istat Membru sabiex igawdu minn servizz.

Min-naħa l-oħra, kontra dak li ssostni l-Awstrija, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-modalitajiet ta' ġestjoni u ta' applikazzjoni tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi ma għandhomx natura diskriminatorja. Dawn huma l-ispezzjonijiet għal għarrieda, l-interdizzjoni eventwali li titkompla r-rotta permezz tal-vettura mil-mutur ikkonċernata, l-irkupru a posteriori tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi, l-impożizzjoni eventwali ta' multa, kif ukoll il-ħlas ta' garanzija.

---

**NOTA:** Rikors għan nuqqas ta' twettieq ta' obbligu, indirizzat kontra Stat Membru li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, jista' jitressaq mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor. Jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jiġi kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, L-Istat Membru kkonċernat ikollu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista’ tressaq rikors ġdid li bih titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li l-miżuri ta’ traspożizzjoni ta’ direttiva ma jiġux ikkomunikati lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-istadju tal-ewwel sentenza.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Rittratti tal-għoti tal-konklużjonijiet disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*